18 ta' April, 1963.

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Group Captain Colin Hugh Deakin, E.R.D., noe

*versus*

Carmelo Mallia et

**Esproprjazzjoni — Gvern ċivili — Awtorità militari — Ħidma tal-għadu bil-**

*Ma tqumx in-neċessita tas-sejħa fil-kawża tal-Gvern Ċivili meta l-awtorità militari tesproprja art, proprjetà tal-istess, mill-poter tal-proprjetarju tal-utili dominju.*

*L-awtorità esproprjanti hija tenuta li tħallas għall-valur tal-bini li kien hemm fuq l-art esproprjata meta l-istess ikun iġġarraf bil-ħidma tal-għadu.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li ippremetta illi b'rikors tiegħu preżentat fir-Reġistru tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fit-tlieta (3) ta' Diċembru, 1958, kien beda l-proċeduri biex jakkwista b'xiri assolut il-biċċa art li huwa kellu f'idejh b'titolu ta' użu u pussess, liema biċċa art tinsab fil-limiti territorjali taż-Żurrieq tal-kejl superfiċjali ta' żewġ siegħan u erba' kejliet (OT. 2S. 4K), tmiss mit-tramuntana ma' proprietà ta' Lady Vera Bernard, mil-lvant ma' proprietà tas-Saċerdot Joseph Bonello, u minn nofsinhar ma' Sqaq, magħrufa dina l-art bħala Air Ministry Plot numru 7/43 (Ħal-Far 1943, Extension) kif kienet tidher mal-pjanta oriġinarjament anness mal-avviż għall-ftehim, u illi quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet qamu diversi kwistjonijiet

fosthom dik li l-Awtorità kompetenti għandha d-dritt li tesproprija kif fil-fatt kienet qed tagħmel bir-rikors minnha preżentat quddiem il-Bord, l-art biss mingħajr il-bini li talvolta kien jeżisti fuqha, jiġifieri li takkwista l-art bħala site mingħajr ma tieħu in konsiderazzjoni li fuq dik l-art kien talvolta jeżisti bini, u li l-Bord tal-Arbitraġġ Dwar l-Artijiet b'deċiżjoni tiegħu tal-erbgħa (4) ta' Ġunju, 1959, iddikjara illi dina l-kwistjoni ma taqax taħt il-kompetenza tiegħu kif limitata mill-Artikolu 23 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet *għal skopijiet pubbliċi (Kapitolu 136) u għalhekk ipprovda* billi rriserva d-definizzjoni tal-kwistjoni għad-deċiżjoni taċ-Chairman sedenti bħala Imħallef tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, inpona lill-attur nomine terminu ta' ħmistax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni fuq imsemmija biex iġib 'il quddiem din il-kwistjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti preseduta miċ-Chairman, talab li — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u jingħataw il-provvedimenti meħtieġa — jiġi dikjarat u deċiż li hu bħala Awtorità Kompetenti taħt l-Ordinanza fuq imsemmija għandu d-dritt li jesproprija artijiet bħala "site" mingħajr ma jkun kostrett li jespropria bini u jew fabbrikazzjonijiet oħra li talvolta kienu jeżistu fuq l-art li tkun qegħda tiġi espropriata. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li fuq l-art esprorijata kien jeżisti razzett u għalhekk fil-valutazzjoni tagħha għandu jiġi nkluż l-kumpens ta' l-istess razzett; u dana meta jiġi kunsidrat li r-razzett huma l-prinċipali u r-raba' l-aċċessorji, u f'dana s-sens għandha tiġi miċħuda t-talba attriċi.

Rat id-digriet tagħha, diversament presieduta, tad-disa' (9) ta' Jannar 1961, li bih ġie msejjaħ fil-kawża Salvatore Debono, bħala attwali proprjetarju tal-art, minnu akkwistata mingħand Dottor Fiżiku Paul Bernard li kien irkupraha mill-pussess tal-konvenut Mallia;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża Salvatore Debono li biha qali li hu l-attwali utilista in perpetwu tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni li flimkien ma' artijiet oħra attigwi jħallsu ċens lill-Gvern Ċivili, u għalhekk, la l-proċedura hija għax-xiri assolut, hemm bżonn li jsiru wkoll in kontestazzjoni tal-Gvern Ċivili, padrun dirett: fil-meritu huwa qal li skond id-deċiżjoni ta' dina l-Qorti tal-għoxrin (20) ta' Jannar, 1961, fil-kawża fl-ismijiet "Rosanno Vella versus Deakin nomine", l-awtorità kompetenti għandha tħallas kumpens in proporzjon tal-valur attwali, kif ukoll tal-"potential value" tal-art, u għalhekk, li kieku ma daħlitx fin-nofs l-Air Ministry biex tesproprija, l-eċċipjent kien idaħħal mill-War Damage Commission is-somma tar-rikostruzzjoni tar-razzett.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-partijiet fil-kawża u n-noti tax-xhieda tagħhom;

Rat il-verbal tat-tlettax (13) ta' Marzu, 1961, minfejn jidher li l-konvenut Mallia permezz tad-difensur tiegħu ddikjara li hu fadallu biss interess fil-kap tal-ispejjeż, u f'dana r-rigward għandu ftehim mar-rikorrent Dottor Bernard.

Rat l-atti tar-rikors fl-istess ismijiet ta' llum pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet imħolli 'sine die' fl-erba' (4) ta' Ġunju,, 1959, sakemm tiġi deċiża l-kawża preżenti.

Semgħet it-trattazzjoni orali;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess kollu;

*Ikkunsidrat:—*

Illi l-ewwel kwistjoni li trid tiġi nvestita hija dik li tirrigwarda s-sottomissjoni tal-kjamat fil-kawża Debono fis-sens li

għandu jkun ukoll imsejjaħ f'dina l-kawża l-Gvern Ċivili bħala direttarju ta' l-art in kwistjoni. Hu evidenti però li m'hemmx in-neċessità għall-istess kjamata f'dina l-kawża, billi l-meritu ta' din ma jirrigwardax il-ħlas tal-kumpens għall-akkwist ta' l-art kollha iżda jekk dan l-akkwist jistax jiġi limitat biss għassit, ċioè esklużi l-benefikati qabel eżistenti fuqu u danneġġjati bil-ħidma tal-għadu u għall-interess biss li għandu l-enfitewta stess b'mod li l-preżenza tad-direttarju ma hiex neċessarja filkawża preżenti. Dana naturalment qiegħed jingħad bla preġudizzju tal-kwistjoni jekk l-attur preżenti jistax verament jakkwista forzament l-interess li għandu fl-art il-Gvern Ċivili mingħand l-istess Gvern Ċivili, billi dana mhux "owner" fissens *tal-liġi* dwar *l-akkwist ta' artijiet għal skopijiet pubbliċi*, u anzi hu hu stess "competent authority" li tista' takkwista art b'dana l-mod, mingħand l-'owner' relativ u anzi f'ċerti każi dina l-awtorità tista' tirċievi istruzzjonijiet mill-Gvernatur ħalli hekk takkwista hi stess art għal xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti oħra skond dik l-istess liġi (Kapitolu 136), b'kumpens li jiftiehmu bejniethom stess, u hekk akkwist simili jsir amministrattivament u mhux taħt dina l-liġi, anke taħt dana l-aspett għalhekk u mħabba fih waħdu mhux il-każ tal-kjamata in kawża mitluba u d-domanda relativa qiegħda tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat fil-meritu:—

Illi sia l-konvenut Mallia u sia l-kjamat fil-kawża Debono semmew fl-eċċezzjonijiet tagħhom għaliex id-domanda attriċi ħaqqha tiġi miċħuda u semmew it-tnejn li, diversament, sid l-art ikun qiegħed jiġi privat minn kumpens li ħaqqu. Apparti l-kwistjoni li kontra dan l-argument jista' jingħad li tibqa' l-kwistjoni tal-kumpens dovut mill-War Damage Commission li jibqa' okkorrendo dovut lis-sid tal-benefikati li ma jiġux akkwistati mill-Awtorità Kompetenti (salva n-natura tal-ħlas li allura jsir u ċioè "value" jew "cost of works" taħt il-War

Damage Ordinance), u apparti wkoll il-fatt li, se mai, kull ħsara derivanti mill-akkwist forzus tista' tiġi risarvita billi tiġi kompriża fil-kumpens li jiġi likwidat mil-Land Arbitration Board, u hekk il-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'waħda ta' "quantum" milli f'dik tal-prinċipju mressqa quddiem *il-Qorti, dawna* s-sottomissjonijiet kienu jistgħu jkunu ta' valur kieku l-liġi stess (Kapitolu 136), ma tipprovdix speċifikatament għall-eventwalità *simili* u ċioè meta *l-art li tkun qiegħda tiġi* akkwistata tkun sofriet ħsara bl-egħmil tal-għadu Jiġi hawn f'dana r-rigward preċiżat li dana l-provvediment ġie introdott bl-Ordinanza XXXI tal-1947 meta ġie introdott l-Artikolu numru 25 bis fil-liġi in kwistjoni (Kapitolu 136), u ċioè wara li kienet ħarġet *il-War Damage Ordinance però.* qabel l-akkwist in kwistjoni meritu tal-proċedura quddiem il-Land Arbitration Board ġià riferita u sospiża sakemm tiġi deċiża l-kawża preżenti, u jinkludi espressament każi bħal preżenti u ċioè meta l-awtorità kompetenti li tkun qiegħda tippossiedi art "on possession and use" tiddeċiedi li tixtri l-istess art.

Illi hu naturali li l-Bord għandu jirregola ruħu skond ma tipprovdi dika l-liġi speċjali li taħtha hu kostitwit biex japplika dik l-istess liġi speċjali (art artikolu 21 (1) u 23 (1), ta' dik il-liġi). Issa fl-artikolu 25 bis ċitat (para. 1), dik il-liġi ssemmi l-kumpens li jiġi likwidat jista' hekk likwidat b'riferenza għall-art qiesa qatt ma sofriet ħsara u f'dana l-każ il-kumpens likwidat ikun jikkomprendi l-valur tal-gwerra favur l-awtorità kompetenti, dik *l-istess liġi, tkompli tgħid li f'kull* każ, dina ċ-ċessjoni għandha tiġi meqjusa bħala ħaġa waħda mal-akkwist forzus. Dana ifisser li meta jkun hemm akkwist *forzus ta' art li soffriet ħsara bl-għemil tal-għadu, din tikkom*prendi per se l-possibiltà ta' ċessjoni simili u dina ssir realtà meta l-Bord. fil-likwidazzjoni tal-kumpens jidhirlu li ċ-ċirkos*tanzi jissuġġerixxu li dan għandu jsir b'riferenza għall-art* mingħajr il-ħsara li tkun sofriet bl-għemil tal-għadu, dana ifisser ukoll li l-Awtorità Kompetenti ma tistax tippretendi,

kif qiegħed jagħmel l-attur nomine fil-każ preżenti, li l-kumpens jiġi neċessarjament limiti għas-sit biss, u ċioè bl-esklussjoni ta' dak li qabel kien jeżisti fuqu u li kien ġie danneġġjat bil-mod indikat, dina l-limitazzjoni tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Bord li naturalment jirregola ruħu f'kull każ, skond ma jeżiġu l-meriti partikolari tiegħu.

Illi għalkemm il-liġi hija ċara biżżejjed b'mod li kważi kull kumment jidher li jkun superflu hu utili li jiġi osservat li bil-mod previst mil-liġi, sid l-art jirċievi l-kumpens xieraq lilu dovut anke għall-ħsara tal-Gwerra, billi dina tiġi kunsidrata qiesha ma saritx, u dan ikun qed isir b'mod li l-istess ħsara ma tkunx trid tiġi determinata mill-Board stess iżda tibqa' fl-attribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-Ħsarat tal-Gwerra, kif hu xieraq u għandu jkun skond l-Ordinanza għall-ħsarat simili, il-ħlas tal-kumpens taħt din l-Ordinanza ma jibqax jinteressa iżjed lis-sid espropriat (jekk il-Bord jadotta t-triq indikata), u dina l-kwistjoni tiġi risoluta direttament bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità Kompetenti, kif ukoll hu xieraq la darba din ta' l-aħħar tkun intromettiet ruħha bejn is-sid u l-Kummissjoni.

Għal dawna l-motivi:—

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi u tiddikjara li l-attur nomine jista' jkun kostrett iħallas anke tal-bini u/jew fabbriki li setgħu kienu jeżistu fuq is-sit in kwistjoni u ġew danneġġjati bil-ħidma tal-għadu, u dana skond ma jiddeċiedi l-Bord tal-Arbitraġġ Dwar l-Artijiet u fis-sens ġià msemmi.

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanza tal-każ, jibqgħu bla taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallsu mill-attur nomine.